**27 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Dolores Portelli

*versus*

Giovanni Bonello pr. et. ne. et.

**Ittra Uffiċjali — Konsimili — Kopji — Nullità — Firma tal-Avukat — Art. 178(1) tal-Kap. 15.**

*Huwa veru illi l-iskritturi għandhom ikunu ffirmati mill-avukat u mill-prokuratur legali, meta jkun hemm; imma dan jirriferixxi għall-oriġinal. Jekk il-konsimili notifikata lill-interpellat ma jkunx fiha l-firma tal-avukat, dan in-nuqqas ma jġibx in-nullità ta' dik l-ittra uffiċjali.*

*U kieku stess dak in-nuqqas jista' jammonta għal vjolazzjoni talliġi, l-intimat ma jistgħax aktar jattakka l-ittra uffiċjali, jekk huwa, notifikat bil-konsimili tagħha mingħajr firma tal-avukat, ikun aċċetta dik in-notifika mingħajr protesta jew riżerva, u jkun aġixxa kontra min bagħatlu dik l-ittra uffiċjali u jkun ibbaża l-azzjoni tiegħu preċiżament fuq dik il-konsimili lilu notifikata.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi tiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni żewġ porzjonijiet raba' f'tal-Kunċizzjoni, limiti tar-Rabat, lilha mqabbla mill-konvenuti, u dawn fissru lill-attriċi illi minn Santa Maria 1960 la jridu qbiela u lanqas kondizzjonijiet oħra, u għal dan l-oġġett ippreżentaw ittra uffiċja'i fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' April 1960, skond kif preskritt mir-Regolamenti publikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Mejju 1943 (Not. 242/1943), u għalhekk l-attriċi għadiet il-Bord għall-Kontroll tal-Qbejjel, fejn preliminarment, fl-ewwel seduta, li saret fl-4 ta' Novembru 1960, issollevat l-eċċezzjoni dwar il-validità ta' dik l-ittra uffiċjali — att dan espressament rikjest mil-liġi — peress illi l-konsimili konsenjata lill-attriċi ma kienetx firmata minn avukat; u għalhekk dak il-Bord ipprefiġġa lill-attriċi għoxrin ġurnata żmien biex iġġib din il-kwistjoni b'azzjoni separata quddiem il-Qorti kompetenti: talbet li jiġi dikjarat u de-

ċiż illi l-avviż mogħti lill-attriċi mill-konvenuti bl-imsemmija ittra uffiċjali huwa null u bla effett, peress illi l-konsimili ta' dik l-ittra uffiċjali ma ġietx iffirmata minn avukat skond ma trid il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attriċi qegħdha tibbaża n-nullità tal-ittra uffiċjali "lilha notifikata", billi din ma ġġibx il-firma tal-avukat; u għal dan il-fini nvokat id-dispożizzjoni tal-art. 178(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi skond dak l-artikolu, "l-iskritturi għandhom ikunu ffirmati mill-avukat, u mill-prokuratur legali wkoll, meta jkun hemm". Dan indubbjament jirriferixxi għall-"oriġinal" tal-iskritturi. Rigward il-kopji, jeħtieġ issir distinzjoni bejn dawk preparati mir-Reġistratur u dawk li jsiru mll-parti. Dwar l-ewwel xorta ta' kopji, dawn għandhom isiru b'kitba li tista' tinqara, u r-Reġistratur għandu jiċċertifika biss li dawn il-kopji huma sewwa u bħall-oriġinali (art. 188 Kod. ċit.); u din hija waħda mill-mansjonijiet tar-Reġistratur (art. 60 Kod. ċit.). Minn dan jidher illi din ix-xorta ta' kopji ma hemmx bżonn li jkunu ffirmati mill-avukat u l-prokuratur legali. Dwar il-kopji li jsiru mill-parti, il-liġi ma ddisponiet xejn, u kwindi ma jistgħax jiftiehem kif l-attirċi tippretendi li l-kopja tal-ittra uffiċjali li rċeviet kien imissha tkun iffirmata mill-avukat bħall-oriġinal tagħha. Hu magħruf li l-ittra uffiċjali hija sempliċi ittra diretta lill-parti avversa per mezz tal-Qorti; u l-kopja tagħha, ordinarjament magħrufa bħala "konsimili", għalkemm tiġi spedita mir-Reġistratur, issir mill-parti stess, u ġeneralment tiġi ffirmata mill-prokuratur legali, kif sar fil-każ taħt eżami. Ma jistgħax jingħad li b'daqshekk biss dik il-konsimili ma tirriżultax konformi mal-oriġinal, għaliex dan hu esklużmill-firma tal-prokuratur legali; u del resto mhux kontestat li l-konsimili taqbel mal-oriġinal tagħha;

Illi fl-assenza ta' dispożizzjoni leġislattiva dwar ir-rekwiżiti tal-konsimili preparata mill-parti, mhux leċitu li tiġi nvokata nullità li ma tinsabx komminata lanqas għall-

kopji tal-iskritturi preparati mir-Reġistratur, li, kif ġa ngħad, ma għandhomx bżonn jiġu ffirmati bħall-oriġinal;

Illi, jekk mbagħad in-nuqqas lamentat mill-attriċi jista' jammonta għal vjolazzjoni ta' formalità legali, l-impunjazzjoni mhix aktar ammissibbli wara li l-attriċi, mingħajr protesta jew riżerva, aċċettat in-notifika u bbażat l-azzjoni tagħha quddiem il-Bord għat-Tiżin tal-Qbejjel preċiżament fuq il-konsimili lilha notifikata (art. 792(1)(c) u 792(2) Proċ. Ċiv.). Hija setgħet talvolta tissalvagwarda l-interessi tagħha mod ieħor; iżda dan ma għamlitux;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba; bl-ispejjeż.